

DEĊIŻONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL,

meħuda bi qbil komuni mal-President elett tal-Kummissjoni,

tal-15 ta' Ottubru 2014

li tadotta l-lista tal-persuni l-oħra li l-Kunsill jipproponi li jinħatru Membri tal-Kummissjoni, u li tħassar u tissostitwixxi d-Deċiżjoni 2014/648/UE, Euratom

(2014/716/UE, Euratom)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(3) u (5) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2013/272/UE tal-Kunsill Ewropew tat-22 ta' Mejju 2013 dwar in-numru ta' membri tal-Kummissjoni Ewropea ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Il-mandat tal-Kummissjoni maħtura permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2010/80/UE ⁽²⁾ jintemm fil-31 ta' Ottubru 2014.
- (2) Kummissjoni ġdida, li tikkonsisti minn ċittadin wieħed ta' kull Stat Membru, inklużi l-President tagħha u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandha tinħatar sal-31 ta' Ottubru 2019.
- (3) Il-Kunsill Ewropew innomina lis-Sur Jean-Claude JUNCKER bħala l-persuna proposta lill-Parlament Ewropew bħala President tal-Kummissjoni, u l-Parlament Ewropew ħatru bħala President tal-Kummissjoni fis-Sessjoni Plenarja tiegħu tal-15 ta' Lulju 2014.
- (4) Fit-30 ta' Awwissu 2014, il-Kunsill Ewropew, bi qbil mal-President elett tal-Kummissjoni, ħatar lis-Sinjura Federica MOGHERINI bħala Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà skont l-Artikolu 18(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
- (5) Permezz tad-Deċiżjoni 2014/648/UE, Euratom ⁽³⁾, il-Kunsill adotta, bi qbil komuni mal-President elett tal-Kummissjoni, il-ista ta' persuni oħra li huwa jipproponi li jinħatru Membri tal-Kummissjoni sal-31 ta' Ottubru 2019.
- (6) Bi qbil komuni mal-President elett tal-Kummissjoni, id-Deċiżjoni 2014/648/UE, Euratom għandha titħassar qabel ma l-lista li tinsab fiha tiġi sottomessa għal vot ta' approvazzjoni tal-Parlament Ewropew u għandha tiġi sostitwita b'din id-Deċiżjoni.
- (7) Skont l-Artikolu 17(7), it-tielet subparagrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-President, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Membri l-oħra tal-Kummissjoni huma soġġetti bħala korp għal vot ta' kunsens mill-Parlament Ewropew,

⁽¹⁾ ĠUL 165, 18.6.2013, p. 98.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2010/80/UE tad-9 ta' Frar 2010 dwar il-ħatra tal-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 38, 11.2.2010, p. 7).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill, meħuda bi qbil komuni mal-President elett tal-Kummissjoni, tal-5 ta' Settembru 2014 li tadotta l-lista tal-persuni l-oħra li l-Kunsill jipproponi li jinħatru Membri tal-Kummissjoni (2014/648/UE, Euratom) (ĠU L 268, 9.9.2014, p. 5).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Bi qbil komuni mas-Sur Jean-Claude JUNCKER, il-President elett tal-Kummissjoni, il-Kunsill jipproponi li jinħatru l-persuni li ġejjin bħala Membri tal-Kummissjoni Ewropea sal-31 ta' Ottubru 2019:

Is-Sur Vytenis Povilas ANDRIUKAITIS

Is-Sur Andrus ANSIP

Is-Sur Miguel ARIAS CAÑETE

Is-Sur Dimitris AVRAMOPOULOS

Is-Sinjura Elżbieta BIEŃKOWSKA

Is-Sinjura Violeta BULC

Is-Sinjura Corina CREȚU

Is-Sur Valdis DOMBROVSKIS

Is-Sinjura Kristalina GEORGIEVA

Is-Sur Johannes HAHN

Is-Sur Jonathan HILL

Is-Sur Phil HOGAN

Is-Sinjura Věra JOUROVÁ

Is-Sur Jyrki KATAINEN

Is-Sinjura Cecilia MALMSTRÖM

Is-Sur Neven MIMICA

Is-Sur Carlos MOEDAS

Is-Sur Pierre MOSCOVICI

Is-Sur Tibor NAVRACSICS

Is-Sur Günther OETTINGER

Is-Sur Maroš ŠEFČOVIČ

Is-Sur Christos STYLIANIDES

Is-Sinjura Marianne THYSSEN

Is-Sur F.C.G.M. (Frans) TIMMERMANS

Is-Sur Karmenu VELLA

Is-Sinjura Margrethe VESTAGER

kif ukoll:

Is-Sinjura Federica MOGHERINI, maħtura Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 2014/648/UE, Euratom hija b'dan imħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tintbagħat lill-Parlament Ewropew.

Għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

S. GOZI
